**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 118/2023 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**STEVIE PISANI**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **STEVIE PISANI** ta' 21 sena, iben Edgar u Julia nee' Pisani, imweled il-Pieta' nhar it-18 ta' Awwissu 2001 u residenti Qasam Residenzjali Flat 2, Triq San Piju X, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 344901L li ġie akkużat talli :

Nhar il-11 ta' Frar 2023 għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħaxija fil-viċinanzi ta' Triq San Pawl, fil-parkeġġ magħruf bħala 'l-Għalqa ta' Kola' fir-Rabat (Malta), mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Simon Parnis f'perikolu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi, bi ksur tal-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Fid-data, lok u ħin u ċirkostanzi msemmija qabel, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjar jew b'mod ieħor bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Simon Parnis u minn issa tappliika l-provvediment tal-Artikoli 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġiijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' Marzu 2024 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-25 ta' April 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu minn inċident li seħħ fil-pjazzetta li tinsab fil-parkeġġ magħruf bħala l-Għalqa ta' Kola quddiem l-istabbiliment bl-isem 'Crystal Palace' (komunement magħruf bħala Is-Serkin) ġewwa r-Rabat, fejn l-imputat flimkien ma' grupp ta' sħabu kienu qed jieklu l-pastizzi li xtraw mill-istess stabbiliment. Jirriżulta mix-xhieda illi l-vittma, Simon Parnis, kien qiegħed jitlajja fil-parkeġġ barra l-istabbiliment fi stat ta' sokor u fi ftit kliem, kien qed idejjaq lil dan il-grupp ta' ġuvintur. Mhux kontestat illi l-imputat imbotta lil Simon Parnis li waqa' lura u ħabat rasu mal-art fejn intilef minn sensih.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dak l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta bil-ħtija tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-

difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji, u sabiex tiddetermina jekk il-livell probatorju meħtieġ ikunx intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija fl-artikolu 633 u l-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud*

*waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[1]

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[3]

---

[1] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

[2] Deciza 9.7.2003.

[3] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge*

Ikkunsidrat;

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, huwa stabbilit illi Simon Parnis kien fis-sakra[4], u x-xhieda li xehdu ddeskrivew li kien qed jixxengel u kellu wkoll riħa qawwija ta' xorb. Jirriżulta wkoll illi wara li kien ħareġ mill-ħanut tal-pastizzi, Simon Parnis niżel il-qalziet u għamel il-bżonnijiet tiegħu fil-pubbliku fil-parkeġġ direttament faċċata tal-ħanut. Immedjatament wara, avviċina lill-imputat u l-grupp ta' ġuvintur ħbieb tiegħu - Brian Mangion, Cole Dimitry, Isaac Spiteri u Jodie Carabott Agius - li kienu bilqiegħda fuq bank fil-pjazzetta fil-parkeġġ, u mar ipoġġi fuq il-bank ta' ħdejhom.

Ix-xhieda hija wkoll konkordi illi Simon Parnis kien qed igerfex fi kliemu, jitkellem pastaż u jgħid il-banalitajiet, beda jgħid li ma jibża' minn ħadd, u minkejja li l-imputat u sħabu qalulu diversi drabi biex iħallihom bi kwiethom u biex jitlaq u kienu wissewh li kien qed idejjaqhom, xorta waħda kompla jġib ruħu b'mod sikkanti[5]. Kienu saħansitra ċċaqalqu minn bank għal ieħor fil-parkeġġ biex jipprovaw jevitawh, iżda hu baqa' jsegwihom u jdur magħhom u f'ħin minnhom ried jieħu l-pastizzi tagħhom li kienu f'borża fuq il-bank. Huwa stabbilit illi Simon Parnis għamel madwar għaxar minuti jitlajja' ħdejn dan il-grupp ta' ġunvintur u kien qed idejjaq mhux biss lill-imputat iżda wkoll lil sħabu l-oħra kollha bil-komportament tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat illi l-vittma weġġa' mhux għaliex waqa' waħdu iżda minħabba xi xejra ta' daqqa jew imbottatura li tah l-imputat, bil-konsegwenza li waqa' lura fuq daharu u laqat rasu mal-bankina. L-imputat jikkontendi li huwa imbotta lil Simon

---

*may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

[4] Dan ġie stabbilit ukoll mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri, l-espert ġudizzjarju, li rrapporta illi Simon Parnis kellu livell ta' 254 *mg/dl* ta' alkoħol fid-demm, liema riżultt ifisser stat ta' sakra "esaġerat" li jipprekludi l-ko-ordinazzjoni tal-movimenti tal- persuna. Irrapporta wkoll li l-pazzjent għamel jumejn b'sintomi ta' withdrawals tal-alkoħol.

[5] Ara 10/POL/718/2023.

Parnis għaliex kien qed jisfidah u baqa' riesaq lejh u pprova jmisslu wiċċu u b'hekk aġixxa għad-difiża leġittima tiegħu stess.

Għalhekk, dak li jeħtieġ li jiġi stabbilit huwa jekk fil-kumpless taċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-provi, l-imputat aġixxiex leġittimament sabiex jiddefendi lilu nnifsu – u f'każ affermattiv jitqies li ma jkun ikkommetta l-eb-da reat kriminali – u, jekk din id-difiża ma tkunx f'lokha, jekk l-offiżi subiti mill-vittma b'riżultat tar-reat humiex ta' natura ħafifa jew gravi għall-fini tal-klassifika legali tal-offiżi volontarji taħt l-artikoli 216, 218 jew 221 tal-Kodiċi Kriminali.

Id-difiża mqanqla mid-difiża hija maħsuba fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi oħra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk, tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha jew lil ħaddieħor minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli, fejn ir-rejazzjoni trid tkun ukoll waħda proporzjonata ghall-minaccja/aggressjoni.

Dawn it-tliet elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[6]:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu*

[6] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.

*anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. "*

Steveie Pisani, l-imputat, fl-istqarrija li rrilaxxa[7] fil-11 ta' Frar 2023 wara li kien ġie ordnat imur fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat ftit tal-ħin wara li kien telaq minn fuq il-post tal-inċident, iddikjara illi Simon Parnis beda javviċina lilu u lil sħabu u f'ħin minnhom, wara li kien qallu diversi drabi li qed idejjqu, kien anke pprova jmisslu wiċċu u dan wara li kien ħareġ il-parti tiegħu u għamel il-bżonnijiet tiegħu quddiem kulħadd. Dak il-ħin huwa imbottah "*biex ikun jista' jersaq*" iżda l-vittma waqa' lura minħabba li kien għamel tliet passi lura u kien hemm il-bankina.

Fit-12 ta' Frar 2023 l-imputat irrilaxxa stqarrija oħra[8] wara li għal darb'oħra rrifjuta li jieħu parir legali u wara li ingħata l-jedd tas-silenzju, fejn ikkonferma li l-vittma kien avviċina lilu u l-grupp ta' sħabu u poġġa fuq il-bank ta' ħdejhom u għamel diversi minuti jitkellem fuq bombi u qtil u kif fi żmienu ħadd ma kien jista' għalih. Huma pprovaw jevitawh billi ressqu fuq bank ieħor, iżda wara li kiel il-pastizzi tiegħu dan ir-raġel ipprova jieħu l-pastizzi tagħhom li kienu fuq il-bank. L-imputat stqarr li huwa ra li dan ir-raġel kien fis-sakra u għalhekk qallux biex ma jmissx il-pastizzi tagħhom u biex imur id-dar bil-kwiet. Madankollu, ir-raġel beda jitkellem pastaż u huma reġgħu

---

[7] NPS 10Dok. GC3. Ara wkoll dikjarazzjoni tar-rifjut tad-dritt għal parir legali (Dok. GC2).
[8] Dok. GS5.

qalulu biex jitlaq.  Wara li mexa ftit, l-imputat mar ipoġġi fuq il-bank fejn qabel kien hemm ir-raġel, iżda dak il-ħin huwa kien reġa' dar u qallu direttament: "*Għandek xi problema miegħi*?" u ġie fuqu u pprova jmisslu wiċċu.  L-imputat stqarr: "*Jien ma ħallejtux u imbuttajtu*".  Wara li imbottah, ir-raġel waqa' mal-art għal daharu u hu ppanikja u qal lil sħabu biex jitilqu lejn id-dar u kien telaq flimkien ma' Brian Mangion fil-karozza tiegħu.  Xi ħames minuti wara, kienu rċevew telefonata mingħand il-Pulizija u ntalbu jmorru l-Għassa tar-Rabat.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat, wara li rriafferma li l-vittma għamel diversi minuti jdejjaq lilu u lil sħabu u reġa' spjega l-fatti li kkolminaw fl-inċident, iddikjara li huwa resaq fuq bank ieħor biex jevita lill-vittma iżda xorta waħda l-vittma ipprova jħebb għalih billi beda miexi lejh, jgħolli leħnu u jisfidah.  Xehed illi x'ħin rah ġej lejh u jagħmel mossi b'idu qiesu ser imissu jew jaqbadlu wiċċu, inħasad u meta l-vittma kien xi ħames passi 'l bogħod minnu, huwa niżel mill-bank, u minnufih, iżda mingħajr ma ried, għaliex il-vittma kien laħaq resaq wiċċ imb'wiċċ miegħu u hu beża', ċaqlaq idu u imbuttah bil-pala ta' idu, bil-vittma jintelaq għaliex kien fis-sakra u nqaleb lura.  Mistoqsi direttament in kontro-eżami, l-imputat ikkonferma illi apparti l-istat ta' sokor huwa ma nnotax li l-vittma kellu xi ħaġa oħra.

Jodie Carabott Agius, li ġiet imressqa bħala xhud mill-Prosekuzzjoni, xehdet illi Simon Parnis kien qed jitkellem u jindirizza lil kulħadd in ġenerali meta beda jgħid li jrid il-pastizzi tagħhom, u l-istess xehed Brian Mangion, ħabib ieħor tal-imputat. Brian Mangion xehed ukoll illi meta Jodie ħadet il-borza tal-pastizzi minn fuq il-bank biex ma jeħodhomx, l-imputat, Stevie Pisani, qallu "*mur 'l hemm, ħallina, dejjaqtna issa, taf kif, tbul f'nofs it-triq ... ħa teħdilna l-pastizzi*".  Min-naħa tagħha, Jodie Carabott Agius, fir-rigward, xehdet "*... mbagħad Stevie qallu tista' titlaq 'l hemm, qallu fis-sens 'itlaq 'l hemm issa għax dejjaqtna', qallu 'm'aħniex nagħtu kasek', qallu 'dejjaqtna issa'*".  Brian Mangion xehed illi dak il-ħin, hekk kif Stevie Pisani, l-imputat, qallu dan il-kliem, il-vittma, b'idu fuq qaddu u kollu żmattat bil-qalziet ser jaqagħlu, avviċinah bil-herra u bl-arja jistaqsih il-għala kien qed ikeċċih, u beda

jisfidah li ħadd ma jista' għalih u tkun iebsa biex ikeċċih minn hemmhekk[9]. Xehed ukoll li l-imputat evitah billi resaq fuq bank ieħor biex jerġa' jipprova jiżgiċċah, iżda l-vittma reġa' mar quddiemu u qallu l-istess kliem u kien "*qiesu sejjer għal ġo wiċċu*". Madankollu, l-imputat "*ma tahx ċans*"u imbottah b'idejh.

Madankollu, Zachary Muscat, xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni li ma kienx parti mill-grupp tal-imputat iżda kien ma' sħabu in-naħa l-oħra tat-triq, filwaqt li kkonferma li l-vittma, li ddeskrivih bħala "*l-anzjan*", kien jidher fis-sakra, kien miexi mxengel u kien mar ipoġġi fuq bank ħdejn grupp ta' persuni oħrajn "*iredden waħdu*", ta verżjoni ferm differenti minn dik li xehdu dwarha l-imputat u sħabu b'rabta mad-dinamika tal-konfront bejn l-imputat u l-vittma. Zachary Muscat xehed illi f'daqqa u l-ħin sema' lil xi ħadd maskili li kien bil-qiegħda fuq il-bank ta' ħdejn dan ir-raġel "*jibgħatu jieħdu*" u l-anzjan beda jistaqsih għaliex kien qed joffendih. Imbagħad, xi ħadd li ma setax ikun ċert kienx l-istess persuna li offendih, imbottah. Huwa kien ra din il-persuna – li għarfu bħala l-imputat Stevie Pisani - iqum u jersaq lejn l-anzjan biex tah l-imbottatura u kkonferma illi l-vittma kien bil-wieqfa quddiem il-bank fit-tarf tal-bankina iżda "*baqa' fejn kien mal-bank*", u kien l-imputat li resaq lejh biex jimbottah. Xehed ukoll dak il-ħin, l-imputat u l-grupp ta' sħabu telqu bil-karozza minn fuq il-post.

L-istess verżjoni xehedha Nick Aquilina, li kien flimkien ma' Zachary Muscat: huwa xehed illi sema' l-għajjat u meta mexa ma' sieħbu lejn il-post fejn kien hemm l-anzjan li kien fis-sakra, rah qed idejjaq lil grupp ta' żgħażagħ billi kien mar poġġa ħdejhom. Sema' lill-anzjan u żagħżugħ li kien liebes hoodie bajda, jgħajtu ma' xulxin, fejn iż-żagħżugħ beda jgħidlu bir-rabja u bl-għajjat biex jitlaq 'l hemm għaliex kien qed idejjaqhom ("*kixxi 'l hemm, kixxi 'l hemm*") u offendih ukoll diversi drabi, fejn l-anzjan beda jistaqsih l-għala kien qed joffendih u l-għala kellu jitlaq 'l hemm meta ma kien għamel xejn ħażin. Nick Aquilina ra li dan il-ġuvni kien nervuż ħafna għaliex kien qed jippassiġġa 'l hawn u 'l hemm u mbagħad mar ipoġġi fuq bank ieħor. Iżda meta kien deher li s-sitwazzjoni kienet ser tikkalma, l-anzjan beda miexi lejn iż-

[9] Ara xhieda ta' Brian Mangion.

żagħżugħ, f'liema waqt iż-żagħżugħ qam, niżel minn fuq il-bank, mexa xi żewġ metri lejn l-anzjan li wkoll kien riesaq lejh, qallu biex jitlaq, u imbuttah lura minn sidru biż-żewġ idejn. Ikkonferma li ma kienx ra lil-anzjan jagħmel xi ħaġa jew joffendi liż-żagħżugħ lura għalkemm iż-żagħżugħ offendih diversi drabi, iżda l-anzjan kien jidher li ma kienx jaf x'qed jagħmel u ma kienx f'siktu.

Illi l-verżjoni ta' Zachary Muscat u Nick Aquilina fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti, apparti li hija konsistenti fl-irqaqat kollha u tikkontradixxi bis-sħiħ il-verżjoni tal-ħbieb tal-imputat u tal-imputat innifsu, hija wkoll pjenament kompatibbli mal-filmat li jaqbad id-dinamika tal-inċident[10]. Il-Qorti rat dan il-filmat li jaqbad l-inċident, diversi drabi, u għalkemm ma fihx awdjo, setgħet tikkostata faċilment illi fis-sekondi qabel l-imbottatura, filwaqt li l-vittma jidher ċar jibda riesaq ħdejn in-naħa l-oħra tal-bank fejn kien mar ipoġġi l-imputat, ma jidhirx juri xi sinjali ta' aggressjoni jew li kien qed iġib ruħu b'xi herra jew għaġġla. Fil-fatt, ma kienx qed ixejjer jew jipponta idejh lejn l-imputat jew xi ħaddieħor.

**Kuntrarjament għal dak li ġie mistqarr mill-imputat fl-istqarrijiet tiegħu u fix-xhieda quddiem il-Qorti, il-filmat jeskludi inekwivokabbilment li Simon Parnis ipprova jmisslu jew jaqbadlu wiċċu jew li mar wiċċ imb'wiċċ miegħu: għall-kuntrarju huwa manifest illi l-vittma lanqas kien laħaq wasal man-naħa l-oħra tal-bank fejn kien bil-qiegħda l-imputat, li l-istess imputat niżel bil-herra minn fuq il-bank, dar lejn in-naħa ta' wara tal-bank, mexa b'rankatura lejn il-vittma u minnufih imbuttah biż-żewġ idejn u bis-saħħa fuq il-parti ta' fuq ta' ġismu tant illi l-vittma spiċċa mitfugħ lura u waqa' fuq daharu fit-triq lil hinn mill-bankina.**

Huwa għalhekk evidenti illi mhux minnu lanqas dak li xehdu Jodie Carabott Agius u Brian Mangion, ċioe' illi l-vittma mar quddiem l-imputat u ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu meta l-imputat kienu għadu bil-qiegħda, għaliex fil-filmat jidher ċar illi hekk kif il-

[10] Il-filmat intbagħat permezz ta' Whatsapp minn Kenneth Ciangura lil PS 2145 Graziella Camilleri li ikkonfermat li għaddietu lill-Ispettur Godwin Scerri li min-naħa tiegħu esebih fl-atti waqt ix-xhieda tiegħu, filwaqt li l-espert ġudizzjarju Dr. Martin Bajada, eleva huwa stess il-filmati rilevanti mill-cameras tas-sigurta' tal-istabbiliment Crystal Palace.

vittma kien riesaq bil-mod ħafna lejn dahar l-imputat, l-imputat qam bil-wieqfa[11], niżel bil-herra minn fuq dahar il-bank għal mal-art, dar u mar fuq il-vittma biex b'hekk ġie jiġi wiċċ imb'wiċċ miegħu, u dak il-ħin stess imbottah lura. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Isaac Spiteri li qabel mas-suggeriment tad-difiża li l-imputat kien niżel minn fuq il-bank u ġie wiċċ imb'wiċċ mal-vittma[12].

Anke jekk huwa minnu li l-filmat ma fihx awdjo u ma jinstemax dak li kien qed jgħid lill-vittma huwa u riesaq lejn l-imputat fuq il-bank, il-filmat jikkorrispondi perfettament mal-verżjoni ta' Zachary Muscat li xehed b'mod skjett kif ukoll inkontradett illi l-anzjan baqa' fejn kien man-naħa l-oħra tal-bank jistaqsi għaliex kien qed joffendih u l-għala kellu jitlaq minn fuq il-post, u li kien l-imputat li niżel u mar għalih.

Applikat dan kollu għall-prinċipji legali u l-insenjament in materja tal-iskriminanti tal-leġittima difiża, m'huwiex ippruvat, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi l-imputat kien jinsab f'perikolu gravi u inevitabbli għas-sigurta' personali tiegħu meta l-vittma beda riesaq lejh: ma jirriżulta minn imkien li l-vittma kien qed jaġixxi b'mod aggressiv jew vjolenti u tabilħaqq mix-xhieda ta' Zachary Muscat u Nick Aquilina jirriżulta li l-vittma kien riesaq lejh biex jistaqsi għaliex kien qed ikeċċih u joffendih u kien l-imputat li mar għalih. Kif ġia' ġie stabbilit, il-filmat, li jikkostitwixxi prova innegabbli tal-egħmil taż-żewġ partijiet f'dan il-mument, jeskludi b'mod assolut il-verżjoni tal-imputat li l-vittma kien qed jipponta lejh jew ipprova jaqbadlu wiċċu, tant illi l-vittma jidher wieqaf wara l-bank u ma ċċaqlaqx iktar sakemm ġie imbottat lura mill-imputat li f'ħakka t'għajn, niżel minn fuq il-bank, ħa rankatura lejh u imbottah lura b'saħħa evidenti.

Dan ifisser ukoll illi l-aġir tal-imputat fiċ-ċirkostanzi ma jistax jitqies li kien proporzjonata għall-perikolu li kien qed jaffaċċja u f'kull każ, anke jekk kellu jiġi aċċettat għal mument illi l-vittma kien qed jindirizzah b'leħen għoli u ton irrabjat, dan

---

[11] Ara xhieda Cole Dimitri u Zachary Muscat.
[12] Paġna 95 tal-atti tal-kompilazzjoni. Ara wkoll xhieda ta' Cole Dimitri.

il-perikolu ma jista' jitqies li kien wieħed assolut jew inevitabbli anke tenut kont tal-fatt li l-vittma waqaf wara l-bank u ma għamel ebda mossa oħra u lanqas pass ieħor 'il quddiem sakemm l-imputat ġie wiċċ imb'wiċċ miegħu u laqtu. Fuq kollox il-Qorti fiċ-ċirkostanzi m'hi xejn affattu konvinta li l-imputat hija aġixxa b'dan il-mod għaliex beża' għall-inkolumita' tiegħu u mhux għaliex kien imxebba' bit-teatrini tal-vittma u tilef il-kontroll.

Il-ġurisprudenza in materja hija paċifika fis-sens illi l-azzjonijiet tal-vittma jridu jikkostitwixxu perikolu – gravi u inevitabbli – u mhux sempliċement inkonvenjent – biex l-imputat jista' jitqies li aġixxa għad-difiża leġittima. Huwa minnu li l-imputat u sħabu kienu lkoll ġustament imdejqin u fastidjati bl-imġieba tal-vittma, iżda l-fatt li kien qed jiffastidjahom m'huwiex biżżejjed għall-prova tal-element tal-perikolu gravi u imminenti għall-ħajja.

Fir-rigward ġie ritenut li:-

"*Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.*"[13]

B'dan il-Qorti m'hijiex qiegħda tissuġġerixxi li l-imputat messu baqa' bil-qiegħda fuq il-bank ma jiċċaqlaqx u jħalli lill-vittma jkompli jdejqu, iżda wieħed irid iżomm f'moħħu li huwa ppruvat li minnufih qabel, l-imputat kien qed jgħajjat miegħu biex ikeċċih 'l hemm u kien ukoll offendih diversi drabi u l-vittma beda riesaq lejh jistaqsi l-għala kellu jitlaq minn fuq il-post u l-għala kien qed joffendih, u mhux biex jagħmel għalih jew jaggredih. Għalhekk huwa ppruvat ukoll illi l-imputat kien ipprovoka

---

[13] **Il-Pulizija v. Jonathan Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020.

huwa stess ir-rejazzjoni tal-vittma meta beda riesaq lejh jistaqsih l-għala qed joffendih.

F'dan il-kwadru ta' fatti l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża m'hijiex ammissibbli.

Lanqas m'huma riskontrabbli l-elementi tal-provokazzjoni għaliex filwaqt li huwa eskluż anke bix-xhieda tal-imputat innifsu[14] illi l-vittma ma kienx messu bl-ebda mod, huwa ċar li fost sħabu kollha kien l-imputat biss li ħassu daqshekk iffastidjat u nervuż bl-imġieba ta' Simon Parnis meta beda jistaqsih għaliex kien qed ikeċċih, u dan meħud qies ukoll tal-fatt illi kien l-imputat stess kien għajjat mal-vittma u offendih biex jitlaq 'l hemm. Konsegwentement, l-egħmil tal-imputat li evidentement ma qiesx il-konsegwenzi ta' l-istess egħmilu, fiċ-ċirkostanzi ma jistax jitqies raġjonevolment bħala wieħed ta' bniedem ta' temperament ordinarju rinfaċċjat bl-istess ċirkostanzi, u lanqas ma huma riskontrabbli xi waħda miċ-ċirkostanzi oħrajn maħsuba fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 227

Minn dan kollu l-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta' biex tikkonkludi, u hija tassew moralment konvinta, illi l-imputat volontarjament aggredixxa u kkaġuna ħsara lill-vittma mingħajr ma ġie provokat u wisq inqas mingħajr ma aġixxa għal-leġittima difiża tiegħu jew ta' xi ħaddieħor.

F'dan il-kwadru tal-fatti, m'humiex riskontrabbli l-elementi meħtieġa għall-eċċezzjoni tal-leġittima difiża kif ġie mqanqal mid-difiża fit-trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Id-difiża targomenta wkoll, sussidjarjament, illi l-imputat għad illi tassew imbotta lill-vittma, imbottah istintivament biex ibiegħdu minn miegħu u mhux bis-saħħa u fi kwalsiasi każ, huwa qatt ma laqtu f'wiċċu għaliex kien imbottah lura minn sidru.

[14] In kontro-ezami l-imputat xehed: *"Hu ma missnix sorry jien missejtu " u imbottah "mill-parti ta' sidru u spalltu".*

Konsegwentement, ġie sottomess m'huwiex ippruvat kif imiss li l-offiżi riskontrati f'wiċċ il-vittma, konsistenti fil-ksur taz-zygoma – diversament mill-feriti fuq in-naħa ta' wara tar-ras li ġew ikkkaġunati meta l-vittma waqa' lura u laqat rasu mal-art - ġew ikkaġunati b'riżultat tar-reat.

Il-Qorti fir-rigward tħoss li qabel xejn għandha tagħmel xi osservazzjonijiet dwar in-natura tal-imbottatura li minħabba fiha Simon Parnis waqa' lura u weġġa'.

Huwa stabbilit inkonfutabbilment mix-xhieda li l-imputat kien konxju tal-fatt li l-vittma kien fis-sakra u li ma kienx fil-kontroll sħiħ tiegħu nnifsu, għaliex kien qed igerfex fi kliemu u jxengel fost azzjonijiet u kliem oħrajn li huma kompatibbli mal-aġir ta' persuna li hija fis-sakra.  F'dan il-kwadru ta' fatti messu kien raġjonevolment prevedibbli anke oġġettivament illi anke imbottatura mhux b'saħħitha setgħet ittelliflu l-bilanċ, anke jekk għal mument wieħed kellu jaċċetta li l-ħsieb tal-imputat meta imbottah kien biss li jressaq lil Simon Parnis minn quddiemu[15].

Ix-xhieda tal-imputat li imbotta lil Simon Parnis "*mingħajr ma ridt*" u kemm qam minn fuq il-bank, niżel mal-art b'pass 'l isfel iżda mingħajr ma ħa pass 'il quddiem jew rankatura, kemm iċċaqlaq idu u laqat lill-vittma li ntelaq lura, m'huwiex verosimili u huwa kontradett bis-sħiħ minn eżami tal-filmat li juri l-movimenti tal-imputat kif ukoll tal-vittma b'mod ċar u skjett li ma jħallix lok għal xi dubju dwar l-azzjonijiet tagħhom it-tnejn.  Fil-fatt, il-filmat jistabbilixxi inkonfutabbilment illi Simon Parnis tar lura bil-forza tal-imbottatura u jeskludi li huwa waqa' għaliex ħa tliet passi lura u sab it-tarf tal-bankina warajh[16].  Jikkontrdixxi ukoll ix-xhieda ta' Brian Mangion meta ddeskriva l-imbottatura hekk: "*naħseb bil-mod ħafna le, setgħet kienet bil-mod għax hu fit-tarf tal-bankina kien ... ma naħsibx b'xi saħħa ta' barra minn hawn*", u ix-xhieda wkoll ta' Isaac Spiteri li fir-rigward, qal: "*ma tantx imbuttah b'xi saħħa tal-għaġeb imma hu x'ħin imbuttah, qiesu ġismu intelaq lura għax kien qiegħed fis-sakra ... u d-daqqa ħadha iktar*".

---

[15] Ara stqarrija rilaxxata mill-imputat fil-11 ta' Frar 2023.
[16] Ara stqarrija tal-imputat u x-xhieda ta' Cole Dimitri.

Kif taraha l-Qorti, f'kull każ huwa immaterjali l-fatt li l-imputat seta' ma kellux l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna l-entita' tal-ħsara jew l-offiżi partikolari li ġew attwalment subiti mill-vittma b'riżultat tal-egħmil doluż, għaliex fil-każ ta' offiża volontarja, l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed u mhux meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni speċifika illi tikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-vittma[17]. Fi kwalsiasi kaaz, jekk kienx hemm fl-aġent tar-reat l-intenzjoni diretta jew speċifika jew l-intenzjoni pożittiva indiretta hija kwistjoni ta' fatt li għandu jigi aġġudikat mill-qorti mill-eżami tal-ġabra tal-provi u ċirkostanzi tal-każ, inkluż mill-mod kif l-aġent tar-reat ikun ġab ruħu[18], iżda, fejn dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunux univoċi u jiġi riskontrat dubju dettat mir-raġuni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju għandu jmur favur l-istess imputat.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje li jirriżultaw mill-assjem tal-provi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta ppruvat illi l-imputat imbotta lill-vittma meta l-istess vittma mhux biss kien evidentement fis-sakra u allura kien raġjonevolment prevedibbli li seta' ma kienx f'pożizzjoni li jilqa' għad-daqqa jew ma setax jirrejaġixxi biex jiddefendi ruħu b'mod idoneu jew li seta' ma kienx stabbli fuq saqajh u jikkoordina il-movimenti tiegħu bil-konsegwenza li faċilment seta' jitlef il-bilanċ, iżda wkoll kien b'dahru lejn it-tarf tal-bankina u għalhekk l-imputat ma setax ma jobsorx li b'daqqa jew imbottattura b'ċertu saħħa bħal dik li uża fuq il-vittma, l-istess vittma seta' jaqa' lura fuq dahru u jaħbat rasu.

Kollox magħdud, jirriżulta li l-imputat aġixxa deliberatament bl-intenzjoni pożittiva li jikkaġuna offizi ta' natura gravi lil Simon Parnis. Huwa evidenti li l-imputat ma setax ma kienx konxju tar-riskju tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu, anke ghaliex fil-fehma tal-Qorti, ma huwa xejn verosimili mill-ġabra tac-cirkostanzi fuq elenkati, li l-

[17] Jingħad illi reati dolużi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u speċifika, jew inkella l-intenzjoni pożittiva indiretta - **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

[18] Ara fir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali [Inferjuri] fl-ismiijiet **Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri**, deciza fit-8 ta' Frar 2002

imputat ried sempliċement jimmanifesta xi xewqa biex il-vittma jitlaq minn fuq il-post jew li jressqu minn quddiemu.

Ma jistax ma jingħadx ukoll illi l-provi jistabbilixxu illi wara li Simon Parnis ġie imbottat mill-imputat u intilef minn sensih, la l-imputat u lanqas xi ħaddieħor mill-grupp ta' żgħażagħ li kienu miegħu ma mar jagħti l-għajnuna lill-vittma li evidentement kien fl-art ma jiċċaqlaqx u telqu kwazi minnufih minn fuq il-post b'vettura li kienet ipparkjata viċin tagħhom fil-parkeġġ.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss għalhekk li jiġi stabbilit l-offiżi li ġew imġarrba minn Simon Parnis bħala riżultat tal-egħmil doluż u volontarju tal-imputat, u jekk dawn l-offiżi humiex ta' natura gravi jew sempliċement ħafifa.

Kif rajna, id-difiża tikkontendi li ma ġiex ippruvat sal-grad meħtieġ fil-kamp kriminali li l-frattura taz-zygoma kienet riżultat tal-azzjonijiet tal-imputat għaliex il-provi jistabbilixxu li l-imputat imbotta lil Simon Parnis minn sidru u mhux minn wiċċu. Ġie argomentat għalhekk illi l-imputat ma jistax jinsab ħati tal-offiża fil-wiċċ u lanqas għall-effetti u konsegwenzi tal-istess offiża.

Dr. Carlo Refalo, it-tabib li kien eżamina lil Simon Parnis fid-dipartiment tal-emerġenza tal-Isptar Mater Dei fil-11 ta' Frar 2023, xehed illi l-pazzjent kien konfuż ħafna u ma setax jikkomunika u għalhekk kien ordna li jsir CT scan li minnu irriżulta li kien hemm frattura tal-għadam tal-kranju (*temporal and parietal bone*s), *subdural haematoma* u tnixxija ta' demm bejn il-moħħ u l-iskutella tar-ras (*intraparenchymal haemorrhage*) kif ukoll *intracranial haemorrhage*, ċioe' demm fil-moħħ innifsu[19]. Dr. Carlo Refalo xehed ukoll li minħabba f'dan kollu l-pazzjent iddaħħal fit-Taqsima tal-Kura Intensiva u ġie intubat. u kien iċċertifika li kien jinsab fi stat gravi u li kien fil-perikolu tal-mewt.

---

[19] Ara xhieda ta' Dr. Hanna Baranishnya, 15 ta' Jannar 2024, u rapport Dok. HB1.

Dr. Mario Scerri, l-espert ġudizzjarju li eżamina lil Simon Parnis ġewwa l-Isptar Mater Dei ftit sigħat wara l-inċident, ikkostata illi kellu d-demm ħiereġ mill-widna l-leminija - illi x'aktarx li kien minħabba l-frattura fil-kranju - u frattura kif ukoll nefħa fiz-zygoma (ħadd) tan-naħa tal-lemin, liema frattura estendiet għat-*temporal parietal bones*, u xehed illi din tirrappreżenta l-impatt minn daqqa lokalizzata fuq iż-zygoma, liema daqqa x'aktarx kienet l-ewwel daqqa' li qala' l-vittma u minħabba fiha waqa' lura fuq daharu.  L-espert xehed illi l-*haematoma* fuq in-naħa ta' wara tar-ras tal-vittma[20] ġiet ikkaġunata b'riżultat ta' blunt trauma meta waqa' wiċċu 'l fuq mal-art u din x'aktarx li kienet it-tieni impatt li ġarrab wara li qala' daqqa f'wiċċu u waqa' lura. Il-kundizzjoni tiegħu kienet waħda gravi.

Ikkonkluda madankollu, li ma kienx jidher li l-vittma kien sofra xi debbulizza fl-għamla jew il-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem riżultat tal-frattura tal-kranju u l-leżjonijiet trawmatiċi f'moħħu.

Biex jiġi trattat l-argoment tad-difiża li ma ġiex ippruvat ness kawżali bejn il-ksur u n-nefħa fiż-żygoma, ċioe' fl-għadam tal-wiċċ tal-vittma, il-Qorti tibda biex tosserva illi minn eżami bir-reqqa tal-filmat, ma jistax jiġi eskluż illi l-imputat, biex imbotta lill-vittma, laqtu fuq wiċċu.  Fil-fatt, kif diġa' ngħad qabel, fil-filmat l-imputat jidher joħroġ idejh ħesrem u jolqot lill-vittma bis-saħħa fuq in-naħa ta' fuq ta' ġismu. Għalkemm huwa minnu li fir-rigward, jeżisti dubju, meta l-filmat jiġi evalwat fil-ġabra tal-provi kollha, dan id-dubju ma jibqax wieħed raġjonevoli.

Ibda biex l-espert medikolegali ġudizzjarju, b'riferenza għall-frattura u n-nefħa taz-zygoma, xehed: "*Kienet blunt trauma ta' ċertu forza tant li kellu l-fratturi*" Ikkonferma wkoll illi l-leżjoni li minħabba fiha l-vittma ġie ċertifikat li kien fil-perikolu tal-mewt kienet il-frattura fuq iż-*zygoma*, liema frattura *"ikkaġunat cerebral haemorrhage u haemorrhage fil-moħħ. ... Hawn wara*[21] *ma kellux frattura*."

[20] Il-*parieto-occipital haematoma*.

[21] Fin-naħa ta' wara tar-ras fejn ras il-vittma ħabtet mal-art.

Anke jekk il-Qorti kellha tagħti fejda lill-argoment tad-difiża illi l-imputat kien stqarr mal-espert psikajtriku li kien involut f'ħabta bil-vettura qabel l-inċident in diżamina u s-sewwieqa l-oħra kienu għamlu għalih, jirriżulta li din il-verżjoni l-vittma taha lill-espert psikjatriku mingħajr l-istess espert ma kien inkarigat jieħu xi stqarrija jew xhieda mingħand il-vittma, u fi kwalsiasi każ, lanqas seta', minħabba r-regola enunċjata fl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali li x-xhieda jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*. Fuq kollox il-fatt li mkien mill-ġabra tal-provi proċesswali ma jirriżulta li l-vittma kellu xi leżjonijiet f'rasu jew xi feriti oħrajn fuq ġismu meta wasal ir-Rabat fil-lok tal-inċident qabel effettivament ġie imbottat mill-imputat u waqa' lura fuq rasu. L-imputat innifsu, fil-kontro-eżami, ikkonferma dan ukoll.

Il-Qorti ssib l-ipotesi li l-vittma kien wasal ir-Rabat bil-karozza, kien qed jixrob u jiekol il-pastizzi u jiffastidja lin-nies, meta diġa' kellu frattura fl-għadam ta' wiċċu[22], ferm u ferm improbabbli, jekk mhux ukoll fantasika. Ibda biex ħadd mix-xhieda li raw lil Simon Parnis meta kien qed idur fl-akkwati tal-istabbiliment u fil-parkeġġ, ma xehed li kellu xi nefħa jew feriti f'wiċċu jew tnixxija ta' demm minn widnejh. B'żieda ma' dan il-fatt illi l-espert mediko-legali kkonferma illi l-frattura fl-għadam tal-wiċċ li kkaġunat in-nefħa fiż-żygoma, kienet ikkaġunat ukoll *cerebral haemorrhage* li minħabba fiha l-vittma kien ġie ċertifikat li jinsab fil-perikolu tal-mewt. Kemm hu hekk, ġie kkonfermat fix-xhieda tat-tobba illi l-ferita fuq in-naħa ta' wara tar-ras kienet tikkonsisti biss fi tbenġila u mhux fi ksur u ma kienetx il-kaġun tas-*cerebral haemorrhage* u tal-fatt li l-vittma kien intilef minn sensih.

Dan kollu magħdud jirrinforza l-konklużjoni illi d-daqqa li Simon Parnis qala' mingħand l-imputat u li biha waqa' lura fuq daharu u laqat rasu, hija kompatibbli ma' u kkaġunat l-offiża fil-wiċċ ta' Simon Parnis, konsistenti fi ksur tal-għadam tal-kranju. Jiġi ribadit illi l-filmat bl-ebda mod ma jeskludi li d-daqqa tal-imbottatura saret ma' wiċċ il-vittma u fuq kollox, kif ġie affermat mill-espert mediko-legali, id-daqqa fil-wiċċ x'aktarx kienet l-ewwel daqqa' li qala' l-vittma u minħabba fiha waqa' lura fuq

[22] Ksur tat-*temporal and parietal bone*s.

daharu u fil-qies ta' dan kollu l-Qorti hija moralment konvinta illi l-vittma ġarrab il-ksur f'wiċċu b'riżultat dirett tal-aggressjoni mwettqa mill-imputat.

Il-Qorti għaldaqstant, tirravviża ness kawżali dirett u innegabbli bejn l-għemil volontarju u doluż tal-imputat u l-offiżi li ġew riskontrati sija fir-ras u kif ukoll fil-wiċċ tal-vittma.

Ikkunsidrat;

Jonqos f'dan l-istadju li jiġi kostatat in-natura tal-offiżi subiti mill-vittma b'rizultat tal-egħmil doluż tal-imputat.

L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-artikolu 216 u kif ukoll l-artikolu 218 tal-Kap. 9.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[23]

[23] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Jeħtieġ għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-offiżi subiti f'wiċċ il-vittma kif ukoll f'rasu sija dawk esterni u sija wkoll dawk interni, humiex ta' natura gravi kif imfisser fl-artikolu 218 jew fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 jew inkella humiex ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-provi proċesswali, il-Qorti fehmet illi l-offiżi konsistenti fin-nefħa u frattura taż-żygoma jirrientraw fit-tifsira taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, bħala offiża li "*ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.*"

Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[24] iżda mhux rikjest għall-fini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap, 9 li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Il-gravita' u l-permanenza huma ingredjenti essenzjali biss tal-offiża gravissima taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jiffigura bħala sfreġju għall-fini tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma. Il-liġi trid li l-offiża li timmanifesta ruħha f'peġġorament viżibbli tad-dehra tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, titqies bħala offiża ta' natura gravi, filwaqt li l-isfreġju, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tkerrah id-dehra ta' dawk il-partijiet tal-ġisem. Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari għaliex dak li hu importanti hu li l-ħsara li tkun ġiet imġarrba tirrientra fit-tifsira ta' "sfreġju".

[24] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[25]

Applikat dan l-insenjament għall-fatti li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżultax li n-nefħa f'wiċċ il-vittma, konsegwenza tal-ksur tal-għadam tal-kranju, kienet waħda permanenti u kif rajna, l-element tal-permanenza hija meħtieġa biss għall-prova tal-offiża gravissima taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

[25] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

Madankollu, huwa ppruvat li n-nefħa kienet viżibbli u kienet gravi fis-sens illi kienet ġejja minn frattura tal-għadam tal-kranju. Kemm hu hekk, l-espert medikolegali ġudizzjarju mistoqsi jekk is-sinjal tal-blunt trauma fuq il-wiċċ kienx viżibbli, xehed:

"*Ovvjament kien hemm haematoma jiġifieri dawn esternament ... visible kellu haematoma tidher fir-ritratt ukoll.*"

Il-Qorti wara li rat illi hu stabbilit mill-provi li Simon Parnis kellu nefħa f'wiċċu ikkaġunat minn frattura taz-zygoma, liema nefħa kienet manifestazzjoni ta' ksur tal-għadam tla-kranju u kienet viżibbli minn distanza normali bejn żewġ persuni li jitkellmu ma' xulxin u dan kif jidher fir-ritratt f'paġna 5 tar-relazzjoni Dok. MS1 u kif ġie kkonfermat ukoll minn Dr. Mario Scerri, tqis illi l-offiża in diżamina tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Dan għaliex hi xi ħaġa ovvja li n-nefħa kkaġunata mill-frattura taz-zygoma sarrfet, *de minimis*, f'imperfezzjoni fir-regolarita' tal-wiċċ u kerrhet id-dehra tal-wiċċ, minkejja li setgħet kienet viżibbli jew ħalliet effetti biss għal ftit ġranet.** Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih **anke temporanju** tad-dehra tal-wiċċ tal-vittma, basta li din tidher minn *talking distance*. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-offiżi riskontrati fuq il-wiċċ ta' Simon Parnis ħassru d-dehra ta' wiċċu anke jekk biss għal ftit ġranet, ġimgħat jew xhur, u konsegwentement, dawn jikkostitwixxu sfreġju fil-wiċċ taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi juru wkoll illi Simon Parnis, il-vittma, sofra offiżi konsistenti f'xejra ta' diżordni f'moħħu skont kif ġie kostatat mill-espert psikjatriku u l-espert newro-psikjtriku li ġew maħturin mill-Qorti biex jeżaminaw lill-istess vittma biex jiġi stabbilit jekk kienx ġarrab marda permanenti tal-moħħ b'riżultat tal-offiża li kkaġunalu l-imputat.

Ġie stabbilit illi Simon Parnis kien ilu diversi snin ibati diġa' minn problemi konjittivi, iżda tabilħaqq it-trawma subita meta laqat rasu mal-art b'riżultat tal-imbottatura ikkontribwixxiet biex jiżdied id-dannu konjittiv tal-vittma wara l-inċident. Abbażi ta' eżami tal-iskanijiet tal-moħħ li kienu sarulu fl-2016 u 2016 b'mod partikolari, l-esperti kkonkludew illi qabel l-inċident in diżamina, il-vittma diġa' kellu ħsara f'moħħu, ħsara li ġiet imġarrba b'riżultat ta' diversi episodji anteċedenti fejn ġarrab trawma fir-rasu u mmanifestat ruħha fi funzjonament newropsikoloġiku taħt il-medja għal persuna tal-eta' tiegħu. Il-Qorti fehmet illi għalkemm ma kienx possibbli li tiġi mkejla il-ħsara konsistenti fid-deġenerazzjoni tal-kapaċitajiet konjittivi tal-vittma wara l-inċident in diżamina, l-esperti psikjatriku Dr. Joseph Cassar ikkonkluda li l-abbilitajiet konjittivi naturali tal-vittma – li kienu diġa' bdew jiddeterjoraw wara serje ta' trawmiet li ġarrab f'rasu fil-passat - żdiedu, għad illi b'qies mhux determinabbli, wara l-inċident in diżamina. Madankollu, l-espert psikjatriku kkonkluda fl-istess waqt illi "*kull korriment li ġarrab fir-ras ikkawżat aktar ħsara u deficits konjittivi. Din* (il-ħsara) *kienet ukoll x'aktarx il-konsegwenza tal-ferita f'rasu li ġarrab fl-2023*".

Fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li l-provi m'humiex konklussivi biżżejjed biex inisslu konvinċiment morali li l-offiżi li ġarrab Simon Parnis b'riżultat tat-trawma kkaġunat f'rasu, waħedhom u attwalment, ġabu jew ikkaġunaw difett jew marda permanenti fil-moħħ għall-finijiet tal-artikolu 218(1)(a) tal-Kap. 9, huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-offiżi kkaġunati mill-imputat ikkontribwixxew għal marda ġja' eżistenti fil-moħħ bit-tkomplija tad-deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi tiegħu.

Fir-rigward, Dr. Kristina Bettenzana wkoll ikkonfermat illi għalkemm mill-evalwazzjoni newro-pskikolgа li wettqet irriżulta li l-livell ta' abbilita' konjittiva tal-vittma Simon Parnis kien diġa' "*low-average*" anke qabel sofra t-trawmiet f'rasu fil-passat, madankollu dan il-livell iddeġenera b'riżultat ta' dawn l-episodji ta' trawma.

"*... there has been a change in his cognitive functioing that is commensurate with the damage sustained in his brain. Given that the same damage to his brain was confirmed in the latest scan conducted in 2023, it is my conclusion that Mr. Parni's*

*defecits were present prior to 2023.* ***However, every head injury sustained caused further damage and cognitive defects. This was also most likely the consequence of the head injury sustained in 2023***." (enfasi tal-Qorti)

Illi l-provi juru li l-marda permanenti fil-moħħ ġiet stabbilita minn eżami li wettaq l-espert psikjatriku ta' CT scans tal-moħħ li kienu saru wara kull episodju fejn Simon Parnis ġarrab l-istess xorta ta' leżjonijiet bħalma ġarrab fl-inċident in diżamina minħabba trawma lir-ras (fosthom *left frontal lobe injuries*, *intraparenchymal haemorrhages*, frattura f'żewġ okkażjonijiet tar-*right temporal bone* u *subdural haemotoma*). Stabbilit li huwa ġarrab l-istess xorta ta' ħsara f'rasu b'riżultat tal-inċident mertu tal-akkużi odjerni, jikkonsegwi raġjonevolment illi l-offiżi kkaġunati mill-imputat huma tal-kalibru li jġibu marda permanenti fil-moħħ konsistenti f'deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi, u fil-fehma tal-Qorti dan huwa biżżejjed biex jistabbilixxi li l-offiżi kkaġunati jistgħu jġibu perikolu ta' marda permanenti tal-moħħ għall-fini tal-artikolu 216 tal-Kap. 9. Il-fatt li l-marda permanenti fil-moħħ kienet diġa' ezistenti qabel it-trawma subita fl-inċident taħt skrutinju ma jinnewtralizzax il-prova li l-offiża taħt skrutinju tista' ġġib ħsara lill-moħħ jew deġenerazzjoni tal-abbilitajiet konjittivi tal-vittma, kif del resto ġabu l-istess xorta ta' trawmiet anteċedenti f'rasu[26].

Konformement, il-Qorti hija sodisfatta illi l-offiżi mġarrba f'ras il-vittma b'riżultat tal-egħmil doluż u volontarju tal-imputat, ġiebu mhux biss fi sfreġju fil-wiċċ iżda wkoll perikolu ta' ħsara permanenti fil-moħħ għall-fini tal-artikolu 216(1)(a)(iv) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 388(m) tal-Kodiċi Kriminali, talli kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjatjew b'mod ieħor.

---

[26] Ara paġna 301 tal-atti tal-kompilazzjoni, rapport tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar (Dok. JC1).

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Debono**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru tal-2011, il-Qorti qalet illi biex jiffigura r-reat taħt l-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali, jeħtieġ li l-ħsejjes jammontaw għal "*nuisance*" u ċioe` jkun hemm "*substantive inconvenience and material discomfort*". Ingħad ukoll illi l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux faċilment tollerabbli, kif ukoll kontinwu u intens.

Iżda l-istess Qorti diversamen preseduta, f'sentenza sussegwenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Attard et**, qieset illi dan l-insenjament huwa ftit jew wisq assolutista u li jkun iktar deżiderabbli li wieħed jaddotta attitudni iktar flessibbli rigward dan ir-reat. Riaffermat ukoll illi jispetta lill-Qorti, minn każ għal każ u skond ir-rizultanzi proċesswali, li "*tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz*."

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, il-Qorti ma tirravviżax l-elementi meħtieġa biex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, għaliex tqis illi f'kull kaz irid jirriżulta illi l-element materjali konsistenti fi ħsejjes, għajjat jew komportament ieħor tal-aġent, ikun wassal biex effettivament kisru l-mistrieħ tan-nies, element li huwa manifestament nieqes mill-provi li għandha quddiemha. Fil-fatt, għalkemm Nick Aquilina - l-uniku xhud li xehed b'xi rilevanza għar-reat in diżamina - illi l-ġuvni li kien imbotta lill-anzjan kien qed joffendih u jgħajjat miegħu biex jitlaq minn fuq il-post qabel kien mar jimbottah, f'ebda waqt ma xehed li l-imputat għamel storbju jew ħsejjes li ddisturbalu l-mistrieħ tiegħu jew ta' ħaddieħor. Għaldaqstant, huma neqsin l-elementi tal-inkonvenjent u l-kontintwita` tiegħu liema elementi huma, fil-fehma tal-Qorti, elementi kostituttivi essenzjali ta' dan ir-reat.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali netta tal-imputat iżda fl-istess waqt ma tistax twarrab il-fatt illi l-egħmil vjolenti tiegħu, ixprunat evidentement minn nuqqas ta' immaniġjar tajjeb tal-emozzjonijiet negattivi tiegħu, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi konsistenti mhux biss fi sfreġju iżda wkoll fi fratturi fil-kranju li jġibu l-perikolu ta' diżordni permanenti fil-moħħ. Kemm hu hekk, kif diġa' stabbilit, il-kundizzjoni konjittiva tal-vittma iddeterjorat sostanzjalment wara l-akkadut.

Ukoll il-fatt li l-imputat wera nuqqas assolut ta' rimors għal egħmilu, manifestat ukoll fil-fatt li għalkemm xehed li imbotta lill-vittma b'mod ħafif u mingħajr ma ried, il-provi jistabbilixxu li huwa telaq minn fuq il-lok tad-delitt mingħajr lanqas ta kas li jagħti l-għajnuna lill-vittma jew jibgħat għall-għajnuna, u dan minkejja li l-vittma kien evidentement mitluf minn sensih mal-art. Dan huwa aġir viljakk u ta' stmerrija li l-Qorti ma tistax ma tqis negattivament meta tiġi biex tiddetermina x-xorta ta' piena li tkun xieraq li tinfliġġi f'dan il-każ.

Ħadet qies ukoll tal-fatt iżda, li l-vittma kien qed idejjaq lill-imputat b'mod persistenti, għad illi f'dan il-komportament mhux riskontrabbli ebda egħmil li jista' jagħti lok għall-applikazzjoni tal-iskużanti tal-provokazzjoni fit-termini tad-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 227 tal-Kodiċi Kriminali.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti trid tagħmilha ċar li kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna hija kundannabbli u ma tista' qatt titqies bħala rimedju xieraq biex dak li jkun jeħles minn persuna li fl-aħħar mill-aħħar, ikollha bżonn l-għajnuna. Fis-soċjeta' tal-lum fejn huwa evidenti li kull ma jmur qiegħed jonqos ir-rispett reċiproku u s-sens ta' responsabbilita' ċivika, huwa imperattiv iktar minn qatt qabel li kull ċittadin mhux biss jifhem li l-vjolenza qatt m'hi aċċettabbli u li dejjem irid li tintrefa' r-responsabbilita' għal egħmilu, iżda jagħraf ukoll l-importanza tal-valuri tas-sabar, rispett u sensibbilita' fl-istess egħmilu.

Fil-kwadru ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti temmen li filwaqt li l-imputat jimmerita piena karċerarja, fiċ-ċirkostanzi sejra tagħmel ordni taħt l-artikolu 28A tal-Kap. 9

sabiex l-imputat jagħraf l-importanza tal-kontroll tal-imġieba tiegħu u l-konsegwenzi li ripetizzjoni ta' imġieba bħal din tista' ġġib magħha.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilliberah mit-tieni imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli, 214, 215 u 216(1)(a)(iv) u 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil STEVIE PISANI ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sittax (16)-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kodiċħi Kriminali, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Simon Parnis, għal żmien tliet (3) snin.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata trattament psikoloġiku biex jikkontrolla l-emozzjonijiet negattivi b'mod iktar effiċjenti u kull għajnuna oħra li tkun meħtieġa biex jiġu indirizzati xi diffikoltajiet li jiġu identifikati bħala fatturi kontributuri tan-nuqqas ta' kontroll tar-rabja, fosthom, okkorrendo, il-vizzju tad-dipendenza fuq id-droga.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' elfejn seba' mija u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€2,740.80)[27] rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti u periti maħturin fil-proċeduri u fil-proces-verbal tal-inkjesta, u tordna wkoll lir-Reġistratur sabiex jillikwida l-ispejjeż dovuti fuq ir-relazzjoni tal-espert Dr.**

[27] €153.90 – SOCO; €831.90 – Dr. Martin Bajada; €318.60 – Dr. Marisa Cassar; €1,000 – Dr. Kristina Bettenzana; €436.40 – Dr. Mario Scerri.

**Joseph Cassar ukoll maħtur fil-proċeduri, liema spejjeż ukoll għandhom iħallashom il-ħati.**

**Il-Qorti spejgat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hmuwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna, għall-fini tal-artikolu 28A(8) tal-Kodiċi Kriminali u sabiex tittieħed konjizzjoni tal-ordni għal-likwidazzjoni u ħlas tal-ispejjeż taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kirinali, li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Tordna wkoll li tintbaghat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**